MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 787/1998/1

**Leonard u Tessie konjugi Incorvaja**
**Vs**
**Giuseppe Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremetew u talbu hekk:

Peress illi l-atturi huma proprjetarji ta’ razzett u kmamar rurali fi Triq il-Qoton Birzebbugia,

Peress illi l-konvenut ghamel zmien li kellu d-detenzjoni ta’ dawn il-kmamar u ikkaguna hsarat ingenti fl-istess proprjeta’ tal-atturi permezz ta’ hruq u incendju.

Billi f’incident iehor din id-darba fis-27 ta’ Dicembru, 1996, il-konvenut tlewwem mal-attur Leonard Incorvaja u

ikkagunalu sfregju permanenti f'wiccu billi gidimlu imniehru u qataghlu bicca minnu barra.

Billi bhal rizultat ta' dan l-incident l-attur sofra u ghadu jsofri danni li ghalihom hu unikament responsabbli l-konvenut.

Ighid il-konvenut ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex (1) tiddikjara il-konvenut responsabbli ghad-danni kagonati lill-atturi jew min minnhom fiz-zewg incidenti fuq indikati (2) tillikwida d-danni hekk kagonati (3) tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi jew min minnhom id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-9 ta' Marzu, 1998 kontra il-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-Dritt stante illi huwa mhux responsabbli ghal dak pretiz u reklamat mill-atturi;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-lista tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi dawn il-proceduri jiggwardaw zewg incidenti li sehhew bejn l-attur u l-konvenut fil-proprjeta' tal-atturi fi Triq il-Qoton Birzebbugia, fl-24 ta' Ottubru 1996 fejn l-atturi qed isostnu li sofrew danni materjali fir-razzett taghhom, u fis-27 ta' Dicembru 1996 fejn l-attur qed isostni li sofra lezjonijiet personali rizultat ta' aggressjoni da parti tal-konvenut.

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li fis-27 ta' Settembru 1996 il-konvenut kien gie effettivament zgumbrat mill-fond de quo, konsistenti f' razzett u ghalqa, rizultat ta' decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell. F' din l-okkazzjoni ma nqala' ebda incident.

Illi sussegwentement, stante li l-konvenut kien inizji proceduri ghall-ritrattazzjoni tal-kaz u li fiz-zmien tal-incidenti kienu ghadhom pendenti, dana hass li kellu d-dritt li jkompli jahdem fl-ghalqa sakemm jigu konkjuzi dawn il-proceduri.

Illi l-ewwel incident sehh fl-24 ta' Ottubru 1996 meta l-attur mar fl-imsemmi fond u sab lil Bonnici jahraq l-injam go wahda mill-kmamar li hemm fir-razzett. Huwa ghamel rapport lill-Pulizija li gew fuq il-post u sabu lill-konvenut jahraq l-injam fil-kamra proprjeta' tal-atturi. Gie konstatat mill-pulizija li fil-kamra kien hemm hafna gmid.

Minn rapport maghmul mill-Perit Rene Buttigieg inkarikat ex parte mill-atturi, jirrizulta li l-hsara kaggjonata fis-soqfa tal-kamra kienet tirrikjedi spiza ta' Lm550.[1]

In propositu huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet. Illi fl-ebda stadju fil-mori tal-kawza ma giet kontestata din l-istima tal-Perit, u kien biss fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu li l-konvenut irrileva li, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] dwar l-incidenti odjerni, hemm indikat li skond il-Perit David Pace ma kienx hemm sinjali li juru li n-nirien affettwaw it-travi tal-injam, u li l-istat hazin tar-razzett kien dovut principalment ghal nuqqas ta' manutenzjoni.[2]

Il-Qorti tirrileva li, ghalkemm il-konvenut kellu kull opportunita' li jikkontesta l-istima tal-Perit Rene Buttigieg matul is-smigh tal-kawza odjerna, huwa naqas li jaghmel dan, u lanqas ipprezenta ghall-iskrutinju ta' din il-Qorti

[1] Fol.63

[2] Jigi osservat li, din l-osservazzjoni tirrifletti hazin fuq l-istess konvenut fil-kwalita' tieghu bhala inkwilin b' referenza ghall-obbligi lokatizji tieghu.

kopja shiha tar-rapport tal-Perit David Pace, li jdiher li kien gie esebit quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta], izda hass li kellu jistrih biss fuq bran kwotat fis-sentenza moghtija f' sede kriminali.

Huwa opportun li jigi osservat li l-azzjoni civili u dik kriminali, albeit jirrigwardaw l-istess incident, huma indipendenti u separati minn xulxin, u l-Qorti gudikanti ghandha il-poter-dover li tesigi li l-partijiet jressqu il-provi kollha, quddiemha ghall-iskrutinju taghha, sakemm ma jkunx hemm qbil bejn il-kontendenti li ghandha ssir referenza ghal xi xhieda jew rapport esebit fi proceduri ohrajn. Izda, fl-assenza ta' tali ftehim, din il-Qorti ghandha tistrih unikament fuq il-provi prodotti quddiemha u tiddeciedi fil-parametri tal-atti processwali fuq l-istregwa tal-massima quod non est in actis non est in mundo. Ghal dawk li huma fatti li trid jiddeciedi fuqhom, dawn jridu jirrizultaw mill-atti, u l-gudikant ma jistax jaghmel riferiment ghal fatti, anke jekk huwa personalment ikun jaf bihom, jekk dawn ma jirrizultawx mill-atti tal-kawza [App.Civ. Carmelo Zammit vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp [1995] Vol.LXXIX.II.876].

Ghaldaqstant fin-nuqqas ta' kontestazzjoni serja da parti tal-konvenut dwar il-quantum ta' dawn id-danni materjali, u tenut kont tal-fatt li l-istima saret minn persuna teknika [Perit] u ta' professjoni fil-kamp tieghu, il-Qorti qed taghti affidament ghall-kontenut tar-rapport tal-imsemmi Perit.

Illi in vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li rrizulta ab abundantia li fl-24 ta' Ottubru 2004 il-konvenut kkaguna hsara fil-fond tal-atturi kif fuq indikat, u rrizulta sodisfacentement provat ukoll li din il-hsara tammonta ghas-somma ta' Lm550. Ghal din il-hsara ghandu jirrispondi unikament il-konvenut.

Illi rigward it-tieni incident li sehh fis-27 ta' Dicembru 1996, jigi osservat li ddelinea s-segwenti kwadru tal-fatti. Dak in-nhar il-konvenut, nonostante li dana kien gia gie fizikament zgumbrat mill-fond, huwa kien qieghed jahdem fl-ghalqa tal-atturi u kien qed jahraq xi skart tar-razzett. Hin minnhom tfacca l-attur li beda jghidlu li ma kellux dritt

ikompli jahdem fl-ghalqa. Hin minnhom dawn gew fl-idejn bir-rizultat li t-tnejn kemm huma sofrew griehi.

Illi kif spiss jigri f' kazijiet simili l-versjonijiet tal-partijiet dwar id-dinamika tal-incident huma kontradittorji, kull wahda ttenda li tezonera lill-awtur taghha mir-responsabbilita' ghall-akkadut. Fl-affidavit[3] tieghu l-attur isostni li kif rah il-konvenut dana qabad pipe tal-hadid u injama, gie jigri lejh u tah daqqa bl-injama fl-istonku u daqqa ta' bil-pipe f' rasu, u hekk kif l-attur kien fl-art, il-konvenut gidimlu mniehru.

Il-konvenut fl-affidavit tieghu isostni li meta tfacca l-attur fl-ghalqa, dana beda jitfa' n-nar fuq il-hazna qasab u hekk kif il-konvenut beda jipprova jitfi n-nar, l-attur tah daqqa b' serratiz taz-zewg pulzieri fuq il-qasba ta' siequ. Dak il-hin il-konvenut bl-ugigh li hass "ma bqajtx nirraguna" u l-kontendenti hebbew ghal xulxin u gew fl-idejn.

Rizultat ta' dan l-incident, l-attur sofra griehi f' imniehru u f' widnejh[4], filwaqt li l-konvenut sofra lacerazzjonijiet superficjali tbengil u grif f' diversi partijiet ta' gismu u cioe: f' wiccu [fuq u that ghajnejh, imniehru, mohhu, xoftu u x-xedaq] kif ukoll f' sidru u fl-arqub ta' saqajh ix-xellugija.[5]

Illi f' materja ta' provi gie osservat li "Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwak tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f' kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant"[6]

In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli

---

[3] Fols.12-13
[4] Dep. Dr.Alex Lapira – 14 ta' Novembru 2001 – Fol.67
[5] Dep. Dr.Raymond Grixti – 2 ta' Lulju 2002 – Fol.84
[6] *Prim.Awla [MCC]* ***Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia*** – 24.11.1966

dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat.[7] Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet.[8] Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.

Illi fil-kaz in disamina l-Qorti tikkonsidra li l-provi f' dan ir-rigward jdghajfu l-versjoni moghtija mill-attur. Jigi osservat li, mill-vesjoni tal-attur jirrizulta biss li dana sofra daqqiet da parti tal-konvenut, izda fl-ebda hin ma ammetta li kkaguna feriti lill-istess konvenut. Fl-affidavit tieghu huwa sostna li l-konvenut tah daqqa fl-istonku, waqqghu mal-art, that daqqa bil-pipe [tal-hadid] f' rasu, qabez fuqu u gidimlu mniehru. Ma rrizultax mill-versjoni tal-attur, kif il-konvenut sofra dawk il-griehi kollha f' diversi partijiet ta' gismu. Inoltre, jinghad ukoll li, ghalkemm l-attur allega li l-konvenut tah daqqa ta' pipe tal-hadid f' rasu, it-tabib li ezamina lill-attur ma rriskontra ebda ferita fir-ras; u mix-xhieda tat-tabib jirrizulta biss li l-attur kien qed isofri tbengila superficjali fuq il-parti ta' wara tal-widna, u ferita fl-imnieher li, ghalkemm kienet tirrikjedi sutturi, ma kkagunatx dizabilita' funzjonali. Il-mistoqsija li f' dawn ic-cirkostanzi timponi ruhha hija kif ma giet riskonstrata ebda ferita fir-ras ta' l-attur meta dana allega li l-konvenut tah daqqa ta' hadida fuq rasu.

Illi in kwantu ghal ferita li l-attur sofra f' imniehru, ma jirizultax mill-provi li din kkagunat dizabilita' permanenti li tintilah ghad-danni. Il-Qorti tosserva li t-tabib Alex Lapira xehed li dina "Bhala marka, kif inhi, mhux xi haga hazina hafna"[9] Minn dan isegwi li anke mill-lat kosmetiku ma jidhirx li l-ferita hija tatali li tintiola lill-attur ghar-risarciment tad-danni.

---

[7] *App.Inf.**Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et*** – 22 ta' Novembru 2002
[8] *App.Civ.* ***Paul Vassallo et vs Carmelo Pace****[1986] Vol.LXX.II.144*
[9] Fol.69

Illi in vista tas-suespost, il-Qorti thoss li l-versjoni moghtija mill-attur ta’ kif originat l-aggressjoni mhux affidabbli u tati stampa inkompleta ta’ kif origina l-incident.

Minn naha l-ohra, il-versjoni moghtija mill-konvenut hija aktar konfacenti mal-provi f’ dan ir-rigward. Di fatti l-griehi li sofra f’ siequ, u f’ diversi partijiet ta’ gismu jaghtu grad ta’konfort lill-versjoni tieghu li in effetti dan kien gie aggredit u huwa rritalja ghall-aggressjoni tal-attur. Barra minnhekk, fuq l-iskorta tal-principji suespost, zgur li f’ dan il-kaz jezisti dak il-grad ta’ dubbju li ghandu jiffovorixxi lill-konvenut.

Illi in vista tal-premessi konsiderazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ma rnexxielux jipprova sodisfacentment li huwa kien il-vittma ta’ aggressjoni fisika da parti tal-konvenut bir-rizultat li garrab il-griehi li garrab; u ghalhekk, in vista wkoll li l-indizzji probatorju huma fis-sens li kien hemm element qawwi ta’ provokazzjoni da parti tal-attur, il-konvenut ma jistax jinzamm civilment responsabbli la ghall-incident, u lanqas ghall-konsegwenzi tieghu.

In fine mhux inopportuna l-osservazzjoni fic-cirkostanzi li malli l-attur ra lill-konvenut abusivament fl-ghalqa tieghu, huwa kellu l-fakolta’ u d-dirtt li jaghmel rapport l-ghassa f’ dan is-sens, kif kien ghamel fl-ewwel okkazzjoni, u b’ hekk, in vista tal-involviment u presenza tal-pulizija, l-incident kollu kien jigi evitat u ma kienx jipprecipita f’ aggressjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici limitatament kif ser jinghad: billi [1] tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni materjali kaggjonati lill-atturi fl-24 ta’ Ottubru 1996 fil-fond indikat fic-citazzjoni, tillikwida dawn id-danni fis-somma ta’ hames mija u hamsin lira maltin [Lm550], u tordna lill-istess konvenut jhallas lill-attur din is-somma ta’ Lm550; [2] tichad it-talbiet attrici in kwantu ghall-kumplament. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-partijiet fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------